

It-Tlieta 14 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0019

Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli bejn l-UE u l-Gżejjer Cook ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni fisem l-Unjoni Ewropea ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (07592/2016 – C8-0431/2016 – 2016/0077(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 252/34)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07592/2016),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (07594/2016),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u (7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0431/2016),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġislattiva tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 ⁽¹⁾ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp kif ukoll tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0010/2017),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Gżejjer Cook.

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2017)0020.